MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru 93/2019 LM

**Adrien Malgonne (detentur tal-Passaport Franċiż nru: 09AT95259)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Hosi Malta Limited (C 75590)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta, hawnhekk l-appellanta, **Hosi Malta Limited** (C 75590) minn deċiżjoni preliminari mogħtija

fit-3 ta' Diċembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta li t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza meħtieġa biex jisma' lanjanza ta' din ix-xorta.

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur, hawnhekk l-appellat, **Adrien Malgonne** kellu kuntratt ta' impjieg għal terminu definit ta' sentejn mal-kumpannija konvenuta Hosi Malta Limited (C 75590), bħala *Head of Maintenance Leonardo Products and Deputy Maintenance Manager* mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions, kumpannija inkorporata taħt il-liġi tal-Marokk. Dan il-kuntratt ta' impjieg ġie ffirmat fis-16 ta' Jannar, 2017, u kien ikopri l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2017 u l-31 ta' Diċembru, 2018, għalkemm jirriżulta li l-attur kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta fi rwoli differenti mill-1 ta' Frar, 2014. Fit-22 ta' Novembru, 2017 ġie ffirmat ftehim addizzjonali bejn il-partijiet, fejn ġie mifthiem li f'każ li l-kuntratt ta' impjieg tal-attur jiġi tterminat minn Heliconia Aero Solutions, jew ma jiġix imġedded jew segwit minn kuntratt ta' impjieg ġdid wara li jiskadi l-kuntratt oriġinali maqbul bejn il-partijiet, is-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-attur somma rappreżentanti tliet ġimgħat *pay-off* għal kull sena li l-attur ħadem magħha. Għall-finijiet ta' din l-emenda għall-kuntratt oriġinali, ġie

ppreċiżat mill-partijiet li l-ewwel ġurnata tal-impjieg tal-attur ma’ Heliconia Group għandha titqies li kienet l-1 ta’ Frar, 2014.

**Mertu**

3. L-attur istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal wara li l-kuntratt ta’ impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta la ġie imġedded u lanqas ma kien ġie segwit b’kuntratt ta’ impjieg ġdid fi tmiem il-perijodu definit tal-kuntratt. L-attur jgħid li huwa kellu salarju ta’ €11,808 fix-xahar mas-soċjetà konvenuta, u li abbażi tal-ftehim tat-22 ta’ Novembru, 2017, huwa għandu jirċievi mingħand il-konvenuta ħlas totali ta’ tnejn u tletin elf, u seba’ mitt Euro (€32,700), rappreżentanti tliet ġimgħat salarju għall-erba’ snin li għamel jaħdem magħha. L-attur qiegħed jitlob lit-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tiegħu fis-somma ta’ tnejn u tletin elf, u seba’ mitt Euro (€32,700) rappreżentanti l-*pay-off* dovut lilu skont il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, u s-soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas din is-somma lill-attur.

4. L-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt ta’ impjieg tiegħu tas-16 ta’ Jannar, 2017, fejn ġie speċifikat li dan il-kuntratt kien għal terminu ta’ sentejn, li jiġu fi tmiemhom fl-aħħar ta’ Diċembru 2018. L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-*addendum* għal dan il-kuntratt li sar fit-22 ta’ Novembru, 2017, fejn ġiet inserita klawsola li tgħid illi:

> *"In case of termination by Heliconia or if the contract is not renewed by decision of Heliconia or followed by another contract with Heliconia, the Company shall pay to the Employee a three weeks' pay-off for each year of service completed at the time of the end of the contract (considering the employee's date of entry in Heliconia Groups service as the 1st of February 2014)."*

Fi 'statement of facts' bla data, l-attur qal li huwa kien ilu jaħdem ma' Heliconia Group mill-1 ta' Frar, 2014, u x-xogħol tiegħu fuq dan il-kuntratt partikolari tas-16 ta' Jannar, 2017, kien għal żmien definit ta' sentejn, mill-1 ta' Jannar, 2017 sal-31 ta' Diċembru, 2018. Qal li wara li ffirma dan il-kuntratt, huwa kien ingħata l-impressjoni li kien ser jingħata kuntratt ġdid mas-soċjetà konvenuta, iżda meta l-kuntratt oriġinali ġie fi tmiemu, huwa la ngħata kuntratt ta' impjieg ġdid u lanqas ma ġġeddidlu l-kuntratt li kellu. Qal li għalhekk huwa intitolat għal *pay-off* ta' tliet ġimgħat salarju għal kull sena li ħadem mas-soċjetà konvenuta, liema ħlas jammonta għal tnejn u tletin elf u seba' mitt Euro (€32,700).

5. Fir-risposta tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jisma' kawżi ta' din ix-xorta. Il-konvenuta spjegat li f'dan il-każ l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' somma li huwa qed jallega li hija dovuta lilu kuntrattwalment in linea ta' danni ai termini tal-kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss, u t-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza jikkunsidra u jiddeċiedi każijiet bħal dawn, minħabba li l-kompetenza tat-Tribunal testendi biss għal dawk iċ-ċirkostanzi li hemm provvediment għalihom fl-artikolu 75(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta'

Malta. Il-kumpannija konvenuta eċċepiet ukoll li l-unika konnessjoni tal-attur ma' Malta huwa l-kuntratt ta' impjieg li ffirma ma' kumpannija reġistrata f'Malta, minħabba li huwa mhux residenti f'Malta, l-impjieg tiegħu qatt ma twettaq f'Malta, u lanqas is-salarju tal-attur ma kien jitħallas minn Malta. In vista ta' dawn l-eċċezzjonijiet, is-soċjetà konvenuta saħqet li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2019, it-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konventa dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-istess Tribunal biex jisma' l-każ, u dan wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal ried jistabbilixxi b'deċiżjoni preliminari jekk dan it-Tribunal għandux ġurisdizzjoni jisma' l-każ.*

*Tenut kont ta' erba' fatturi miġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ ċioe:-*

*Li r-rikorrent ġie ingaġġat mis-soċjetà konvenuta, HOSI Malta Ltd bħala Head of Maintenance, Leonardo Products and Deputy Maintenance Manager, mal-linja tal-ajru Heliconia Aero Solutions;*

*Li r-rikorrent ġie impjegat għal terminu definit ta' sentejn mill-1 ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) sal-31 ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

*Li nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġie ffirmat ftehim addizzjonali bejn il-partijiet fejn ġie speċifikat illi jekk il-kuntratt ta' impjieg tal-attur jiġi tterminat mis-soċjetà jew ma jiġix imġedded jew segwit minn*

*kuntratt ta' impjieg ġdid, is-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-attur somma li tirrappreżenta tliet ġimgħat* pay-off *għal kull sena ta' servizz provduti mir-rikorrent. Li dan l-istess ftehim jirreferi għall-fatt li l-ewwel ġurnata ta' impjieg tal-attur mas-soċjetà għandha tiġi kkunsidrata bħala l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014).*

***Deċiżjoni***

*Dan it-Tribunal ġie mitlub biex preliminarjament jiċħad li jisma' l-każ minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni u dan għall-fatt li r-rikorrent kien ingaġġat għal perijodu definit. Dan it-Tribunal jinnota li fil-ftehim addizzjonali datat tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), li seħħ fil-perijodu ta' qabel ma ġie fi tmiemu l-kuntratt odjern, jirreferi għal kumpens li għandu jingħata r-rikorrent f'każ li l-istess kuntratt ta' impjieg (dak datat sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017), ma jiġix imġedded jew jiġi tterminat. Dan it-Tribunal irriżultalu wkoll li r-rikorrent fil-fatt kien ilu impjegat mas-soċjetà attriċi għal perijodu 'il fuq minn erba' (4) snin, sa mill-1 ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), hekk kif ikkonfermat fil-kuntratt addizzjonali hawn fuq imsemmi.*

*Fil-fatt ai termini tal-artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.81, Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss:*

> 7.(1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 3(2), kuntratti ta' servizz għal żmien fiss għandu jinbidel f'kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit jekk:
>
> (a) l-impjegat kien impjegat kontinwament b'kuntratt bħal dak għal żmien fiss kif imsemmi jew taħt dak il-kuntratt meħud flimkien ma' kuntratt jew kuntratti ta' servizz preċedenti għal żmien fiss li jeċċedi perijodu ta' impjieg kontinwu għal aktar minn erba' snin;
>
> (b) il-prinċipal ma jistax jagħti raġunijiet oġġettivi kif imsemmi fis-subregolament (4) biex jiġġustifika l-limitazzjoni tat-tiġdid ta' dak il-kuntratt għal żmien fiss.
>
> *Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-impjieg tar-rikorrent fil-fatt għandu jitqies bħala kuntratt indefinit, u f'dan ir-rigward in-nuqqas ta' raġuni valida għaliex dan l-impjieg ġie tterminat, jikkostitwixxi fi tkeċċija inġusta.*
>
> *Għaldaqstant il-ġurisdizzjoni hija ta' dan it-Tribunal u dan għaliex Artikolu 75(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:*

75(1) Minkejja li kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi:-

(a) Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u
(b) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu.

*Għal dawn ir-raġunijiet dan it-Tribunal jiċħad it-talba preliminari u jordna l-prosegwiment tal-każ."*

## Ir-Rikors tal-Appell

7. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Diċembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tordna li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni biex jikkunsidra u jiddeċiedi din il-kawża.

8. L-appellanta tgħid li tħossha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal żbalja fil-mod kif ittratta l-każ li kellu quddiemu wara l-eċċezzjoni sollevata minnha li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' din il-lanjanza. L-appellanta tgħid li l-attur fl-ebda stadju ma allega jew talab kumpens għat-terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu, iżda permezz tal-proċeduri istitwiti minnu, qiegħed jitlob il-ħlas ta' somma li huwa qed jallega li hija dovuta lilu kuntrattwalment in linea ta' kumpens prelikwidat *ai termini* ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss. Il-lanjanza ewlenija tal-attur hija li l-kuntratt kif emendat, fejn ġie speċifikat li huwa kellu jitħallas *pay-off,* ma ġiex

onorat, u konsegwentement is-soċjetà konvenuta kellha tiġi dikjarata li hija debitriċi fil-konfront tiegħu u kkundannata tħallas l-ammont skont il-ftehim bejn il-partijiet. L-appellanta tgħid li l-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 ma jikkontemplax sitwazzjoni bħal din, u jispeċifika li l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal testendi biss sa fejn tkun saret tkeċċija inġusta ta' impjegat, u għal dawk il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu 1 tal-imsemmi Att jew tar-regolamenti preskritti taħtu. L-appellanta tgħid li sa fejn it-talba tal-appellat hija sempliċi talba għall-ħlas ta' kreditu dovut lilu *ai termini* ta' kuntratt ta' impjieg li huwa kellu, tali talba ma taqax fil-parametri ta' dak li jista' jiddeċiedi dwaru t-Tribunal. Dak li qiegħed jintalab mill-attur huwa l-ħlas ta' kumpens prelikwidat wara terminazzjoni ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien definit, u ma saret l-ebda talba mill-appellat għal stħarriġ dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kinitx ġusta jew le. Sa fejn it-talba tal-appellat hija limitata għal ħlas ta' kreditu, tgħid l-appellanta, it-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza fir-rigward ta' din il-vertenza.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat min-naħa tiegħu wieġeb li s-sentenza preliminari mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma, u dan għaliex iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jaqgħu taħt dak li jipprovdi l-artikolu 75(a) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiġbor taħtu l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li persuna sfat

imkeċċija mill-impjieg inġustament. L-appellat jgħid li l-impjieg tiegħu mal-appellanta intemm mingħajr ebda raġuni ġusta u mingħajr ma huwa ngħata raġuni għal dan. Jgħid li minkejja li l-kuntratt tal-impjieg tiegħu tas-16 ta' Jannar, 2017 kien għal perijodu definit ta' sentejn, huwa kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta għal aktar minn erba' snin, minn Frar tal-2014, u għalhekk l-appellanta kellha tagħti raġuni valida f'każ li huwa ma jibqax impjegat magħha. L-appellat jagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.81 dwar il-bidla ta' kuntratt ta' servizz għal żmien definit għal kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit, meta persuna tkun ilha fl-impjieg għal aktar minn erba' snin, u jgħid li l-impjieg tiegħu kellu jiġi kkunsidrat bħala wieħed għal żmien indefinit peress li huwa kien ilu aktar minn erba' snin fl-impjieg mal-appellanta. L-appellat jgħid li l-qbil fuq kumpens prelikwidat li għandu jitħallas lilu f'każ li l-kuntratt ta' impjieg ma jiġix imġedded, għandu jitħallas lilu f'każ li huwa jitkeċċa mill-impjieg tiegħu b'mod inġust u mingħajr ma jingħata raġuni valida. Jgħid li f'dawn iċ-ċirkostanzi ladarba huwa kien ilu impjegat mal-appellanta għal aktar minn erba' snin, il-kuntratt ta' impjieg tiegħu kellu jitqies bħala wieħed indefinit.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tal-appellanta, flimkien mar-risposta mogħtija mill-appellat f'dan ir-rigward, u dan wara d-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal.

*L-uniku aggravju:* *it-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad l-eċċezzjoni tagħha li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni jisma' din il-lanjanza*

L-aggravju tal-appellanta huwa fis-sens li t-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad l-eċċezzjoni preliminari tagħha li t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar il-pretensjoni tal-attur li l-appellanta hija debitriċi tiegħu għal kumpens prelikwidat miftiehem bejn il-partijiet li kellu jitħallas jekk il-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma jiġix imġedded. L-appellanta tgħid li sa fejn it-talbiet tal-attur huma limitati għal dikjarazzjoni li hija debitriċi fil-konfront tiegħu għall-ħlas ta' kumpens prelikwidat, it-Tribunal mhuwiex il-forum li quddiemu l-appellat kellu jressaq it-talbiet tiegħu, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija limitata għal dak li jipprovdi l-artikolu 75 tal-Kapitolu 452, jiġifieri għal każijiet fejn jiġi allegat li kien hemm tkeċċija inġusta ta' impjegat, u għal każijiet li jaqgħu taħt it-Titolu I tal-istess Att, li jinkludu diskriminazzjoni, inugwaljanza bejn is-sessi, il-vittimizzazzjoni u l-għoti ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol.[1]

Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li t-Tribunal għandu kompetenza jisma' l-proċeduri mibdija minnu, wara li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta ma kienx ġie imġedded mingħajr ebda raġuni valida. Jgħid li l-partijiet kellhom

---

[1] L-artikolu 75 tal-Kapitolu 452 jipprovdi testwalment illi:
"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi: (a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju meta ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega l-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titolu I ta' dan l-Att ikun biss illi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industirjali u mhux xor'oħra."

ftehim li ġie ffirmat fit-22 ta' Novembru, 2017, fejn qablu fuq kumpens prelikwidat f'sitwazzjoni fejn is-soċjetà appellanta tkun trid tkeċċi lill-appellat mingħajr ebda raġuni valida. L-appellat jgħid li huwa ġie mkeċċi mill-impjieg li kellu mal-appellanta b'mod inġust u mingħajr ebda raġuni valida meta l-kuntratt tiegħu ma ġiex imġedded, u dan għaliex huwa kien ilu impjegat mal-appellanta għal aktar minn erba' snin, għad li huwa kien qiegħed fuq kuntratt definit għal perijodu ta' sentejn li ġie ffirmat f'Jannar tal-2017. L-appellat isostni li l-appellanta naqset milli tagħti raġuni valida għalfejn il-kuntratt ta' impjieg tiegħu ma ġiex imġedded, u dan jammonta għal tkeċċija inġusta, u kien għalhekk li huwa ressaq il-proċeduri odjerni quddiem it-Tribunal, fejn qiegħed jitlob lit-Tribunal jiddikjara li l-appellanta hija obbligata tħallsu tnejn u tletin elf u seba' mitt Euro (€32,700) bħala *pay-off* fil-forma ta' kumpens għat-terminazzjoni inġusta mill-impjieg tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat il-fatti tal-każ fid-dawl tad-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal. Huwa prinċipju mill-aktar fundamentali fis-sistema tad-dritt tagħna li n-natura ta' azzjoni għandha tinstilet mit-tifsila mogħtija lill-att ġudizzjarju li l-azzjoni tkun inbdiet bih, minn dak li jirriżulta mir-rikors promutur, u mill-premessi u t-talbiet konsegwenzjali. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellat istitwixxa azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali li permezz tagħha qiegħed jitlob li tiġi inforzata klawsola fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu, li tagħtih id-dritt li jirċievi kumpens prelikwidat f'każ li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu jiġi tterminat jew ma jiġix imġedded wara li jiġi fi tmiemu. Fir-rikors promotur l-

appellat mhux jitlob lit-Tribunal Industrijali jistħarreġ ir-raġuni wara l-allegata tkeċċija tiegħu mill-impjieg, jew ir-raġuni għalfejn il-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma ġiex imġedded. L-appellat qiegħed jitlob lit-Tribunal jinforza obbligu kuntrattwali fejn is-soċjetà appellanta intrabtet li tħallas lill-appellat *pay-off* ekwivalenti għal tliet ġimgħat salarju għal kull sena li huwa kien ilu impjegat magħha. L-appellat mhux jitlob lit-Tribunal jiffissa kumpens li għandu jitħallas lilu mill-appellanta minħabba tkeċċija inġusta, kif jipprovdi l-artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452[2], iżda qiegħed jitlob lit-Tribunal jiddikjara li l-appellanta hija debitriċi tal-appellat u jordna lill-appellanta tonora l-obbligu kuntrattwali li daħlet għalih permezz tal-ftehim tat-22 ta' Novembru, 2017.

Il-Qorti tqis li hawnhekk ikun ta' siwi li tiċċita dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Doris sive Dolores Camilleri *vs.* St. Paul's Court Limited et**[3]:

> "Illi l-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 jgħid b'mod ċar u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal ikollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan (għajr minn proċeduri dwar reat), u li r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jkun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lil dak it-Tribunal u mhux xort'oħra;
>
> Illi ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni

[2] Art. 81(2) Kap. 452: "Meta fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb:- (a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impjieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija."

[3] P.A., 25.09.2003.

speċjali, imnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dik il-liġi speċjali;

Illi ta' min iqis ukoll li l-ġurisdizzjoni esklussiva mogħtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeċċija minn impjieg meqjusa bħala inġusta hija, fil-kliem tal-liġi "għal kull għan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indaġini dwar jekk it-tkeċċija kinitx mistħoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raġuni ġusta u suffiċjenti fil-mertu."

Madanakollu fir-rikors promotur l-attur mhuwiex jitlob lit-Tribunal jistħarreġ it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg jekk kinitx ġusta jew le, jew il-fatt li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu ġie tterminat mingħajr ma ngħata raġuni valida għal dan. L-appellat lanqas mhuwa jitlob lit-Tribunal jiffissa l-kumpens li jidhirlu li għandu jitħallas lilu konsegwenza ta' din it-'tkeċċija inġusta'. Mill-mod kif ġie imfassal ir-rikors promotur li permezz tiegħu nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal, jirriżulta ċar li l-appellat qiegħed jitlob li t-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà appellanta hija debitriċi fil-konfront tiegħu minħabba nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kuntrattwali li l-partijiet kienu ntrabtu bih, xi ħaġa din li ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, iżda li hija materja li għandha tiġi mistħarrġa mill-Qrati ordinarji. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat u għandu jiġi milqugħ.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tilqa' l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, u tiddikjara li t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza biex ikompli jisma' l-kawża kif ippostulata.**

2) **Tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili sabiex l-atti tal-proċeduri jintbagħtu quddiem il-Qorti kompetenti skont il-liġi.**

**Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**